

**Dispożittiv**

- 1) Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni.
- 2) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti minn ClientEarth, European Environmental Bureau (EEB), The International Chemical Secretariat u International POPs Elimination Network (IPEN).
- 3) Ir-Renju tal-Isvezja u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) għandhom isostnu l-ispejjeż tagħhom.

(<sup>1</sup>) ĠU C 300, 11.9.2017.

---

**Digriet tal-Qorti ġenerali tat-28 ta' Mejju 2021 – Makhlof vs Il-Kummissjoni u Il-BĊE**

(Kawża T-260/18) (<sup>1</sup>)

*(“Responsabbiltà mhux kuntrattwali – Politika ekonomika u monetarja – Programm ta’ sostenn għall-istabbilità ta’ Ċipru – Memorandum ta’ Qbil tas-26 ta’ April 2013 dwar il-kundizzjonijiet spċifici tal-politika ekonomika konkluż bejn Ċipru u l-Mekkaniżmu Ewropew ta’ Stabbiltà – Rikorrent li waqaf jirrispondi għat-talbiet tal-Qorti ġenerali – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)*

(2021/C 289/52)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Rami Makhlof (Damasku, is-Sirja) (rappreżentant: E. Ruchat, avukat)

Konvenuti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Flynn, T. Materne u T. Maxian Rusche, aġenti), Il-Bank Ċentrali Ewropew (rappreżentanti: O. Heinz, G. Várhelyi u P. Papapascalis, aġenti, assistiti minn H.-G. Kamann, avukat)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża għall-ksib ta’ kumpens għad-dannu allegatament imġarrab mir-rikorrent minħabba l-Memorandum ta’ Qbil tas-26 ta’ April 2013 dwar il-kundizzjonijiet spċifici tal-politika ekonomika konkluż bejn ir-Repubblika ta’ Ċipru u l-Mekkaniżmu Ewropew ta’ Stabbiltà (MES).

**Dispożittiv**

- 1) Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar dan ir-rikors.
- 2) Rami Makhlof huwa kkundannat ibati, minbarra l-ispejjeż rispettivi tiegħu, dawk sostnuti mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat l-ispejjeż rispettivi tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 240, 9.7.2018.

---